# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru 2016**

**Rikors maħluf numru 23/2011 JZM**
**Numru 1**

**Melina Micallef**

***v.***

**Kummissarju tal-Artijiet**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' rikuża tal-imħallfin li qegħdin f'din il-qorti. L-eċċezzjoni tressqet mill-attriċi b'nota tas-16 ta' Novembru 2016 li tgħid hekk:

> »… … … [l-attriċi] qed titlob li jkun hemm astensjoni tal-imħallfin li qed jippresjedu l-kawża odjerna a tenur ta' dak li hemm dispost fl-artikolu 743(*d*)[1] tal-Kap. 12 u dan billi l-istess imħallfin f'din il-kawża qed jippresjedu l-kawża prinċipali pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, liema imħallfin fasslu u ddegretaw id-domandi ta' referenza.«

[1] *Recte,* art. 734(1)(*d*).

2. Il-fatti relevanti huma dawn: F'kawża ċivili bejn il-partijiet[2] li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Appell qamet kwistjoni dwar il-ksur tal-artt. 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"], u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tal-Appell, għalhekk, wara li rat l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"], bagħtet il-kwistjoni ["ir-Referenza"] quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

3. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wieġbet bi provvediment tal-4 ta' Ottubru 2016 li minnu l-Kummissarju tal-Artijiet appella quddiem din il-qorti b'rikors tal-14 ta' Ottubru 2016.

4. Relevanti għall-għanijiet tal-eċċezzjoni ta' rikuża huwa l-fatt illi kemm din il-qorti (li sejra issa tisma' l-appell mill-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Ottubru 2016 u tagħti t-tweġiba definittiva għar-Referenza) kif ukoll il-Qorti tal-Appell (li għamlet ir-Referenza u li sejra tkompli tisma' l-kawża ċivili wara li tintbagħtilha t-tweġiba għar-Referenza u li jkollha tiddisponi mill-kwistjoni skond id-deċiżjoni li sejra tagħti din il-qorti) huma magħmula mill-istess tliet imħallfin.

5. L-eċċezzjoni ta' rikuża hija msejsa fuq l-art. 734(1)(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**734.** (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –
>
> »… … …

[2] Rikors maħluf nru 23/2011.

»(*d*) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,

» (ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala mħallef jew bħala arbitru:«

*Dwar il-para. (i)*

6. Huwa minnu illi l-imħallfin "kitbu" dwar il-kawża meta, waqt is-smigħ tal-appell ċivili, ifformulaw il-mistoqsijiet tar-Referenza. Madankollu, ma tawx il-fehma tagħhom dwar x'għandhom ikunu t-tweġibiet b'mod illi jkunu ġà taw ġudizzju dwar il-meritu tal-appell tallum. Kull ma għamlu hu li fissru x'inhi l-kwistjoni dwar ksur ta' drittijiet fondamentali li qamet waqt il-proċeduri ċivili u qalu liema huma l-mistoqsijiet li għalihom riedu tweġiba. Li kieku l-kwistjoni flok qamet quddiem il-Qorti tal-Appell qamet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-istess imħallef kien igħid x'inhi l-kwistjoni, iwieġeb għaliha hu (billi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha wkoll kompetenza kostituzzjonali) u jkompli bis-smigħ tal-kawża ċivili li eventwalment jaqtagha hu ukoll, bla ma jkollu jastjeni wara li jkun ifformula l-kwistjoni. Għall-istess raġuni, ma hemm xejn xi jżomm lill-imħallfin ta' din il-qorti milli issa jwieġbu għall-mistoqsijiet li għamlu huma stess fir-referenza u li, sa issa, għadhom ma tawx il-fehma tagħhom dwarhom.

*Dwar il-para. (ii)*

7. Il-"kawża" llum quddiem din il-qorti hija r-Referenza. Hekk kif għamlu l-mistoqsijiet tar-Referenza, l-imħallfin tal-Qorti tal-Appell iddifferew l-appell *sine die* u ma qisux aktar il-mistoqsijiet u ma taw ebda fehma dwar kif għandha tkun it-tweġiba għalihom. Għalhekk sa issa għad-

hom ma qisux il-mistoqsijiet għall-għanijiet ta' deliberazzjoni dwarhom u għadhom ma esprimew ebda ġudizzju dwarhom.

8. Għal dawn ir-raġunijiet ma hemm xejn xi jżomm lill-imħallfin ta' din il-qorti milli jibdew issa jisimgħu l-appell kostituzzjonali, jiddeliberaw u jagħtu deċiżjoni dwaru.

9. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża u tordna li jitkompla s-smigħ. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom l-attriċi Melina Micallef.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb